IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.6.2017
COM(2017) 297 final

2017/0127 (CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 189/2014/UE li tawtorizza lil Franza tapplika rata mnaqqsa ta' ċerti taxxi indiretti fuq ir-rum "tradizzjonali" prodott fil-Guadeloupe, fil-Guyana Franċiża, fil-Martinique u fir-Réunion u li tħassar id-Deċiżjoni 2007/659/KE

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Ir-rum tradizzjonali tar-reġjuni Franċiżi ultraperifiċi ilu mill-1923 suġġett għal reġim ta' dazju tas-sisa speċifiku fis-suq kontinentali ta' Franza. Dan jirrifletti strateġija ta' għajnuna fiskali li twaqqfet żmien ilu għaliex ġie nnutat li, apparti fis-snin eċċezzjonali ta' tkabbir qawwi, is-suq dinji tar-rum jikber b'rata pjuttost regolari (ta' madwar +/- 3,2%) u twaqqfet ukoll biex il-kwantitajiet eliġibbli li jgawdu minn dan ir-reġim ta' dazju tas-sisa speċifiku jibqgħu jaqblu ma' dan it-tkabbir għas-salvagwardja tal-kompetittività tas-settur tal-kannamiela, iz-zokkor, u r-rum fir-reġjuni Franċiżi ultraperifiċi. Sa mill-ħolqien tas-suq intern u l-armonizzazzjoni tad-dazji tas-sisa fl-Ewropa, dan ir-reġim ta' dazju speċifiku tkompla bl-approvazzjoni tal-Unjoni Ewropea. Din is-sistema attwali ġiet awtorizzata biex tkompli titħaddem bid-**Deċiżjoni Nru 2002/166/KE** tat-18 ta' Frar 2002 li tawtorizza lil Franza biex testendi l-applikazzjoni ta' rata ta' sisa mnaqqsa fuq ir-rum "tradizzjonali" li huwa prodott fid-Dipartimenti Franċiżi extra-Ewropej[1] [traduzzjoni mhux uffiċjali] biex jitqiesu r-reviżjoni tal-organizzazzjoni tas-suq komuni fis-settur taz-zokkor fl-2001, u t-tneħħija tal-protezzjoni doganali tax-xorb alkoħoliku fl-2003. Id-Deċiżjoni Nru 2002/166/KE tagħmel l-osservazzjoni wkoll li l-miżuri komunitarji u nazzjonali li diġà ttieħdu biex tittejjeb il-kompetittività tas-settur tal-kannamiela, iz-zokkor u r-rum fir-reġjuni ultraperifiċi ta' Franza mhux dejjem ikunu biżżejjed waħedhom biex iwasslu għal livell ta' kompetittività li tippermetti li Franza taddatta d-dazju fuq ir-rum tradizzjonali li jiġi prodott fid-dipartimenti extra-Ewropej tagħha.

Id-Deċiżjoni Nru 2002/166/KE poġġiet limitu ta' **90 000 ettolitru** fuq il-kwantità ta' alkoħol pur li jista' jgawdi minn rata ta' sisa mnaqqsa kull sena, li kien jaqbel mal-flussi kummerċjali rreġistrati fis-snin qabel ma ġiet adottata d-Deċiżjoni, mingħajr ma tqieset rata ta' tkabbir. L-awturi tad-Deċiżjoni Nru 2002/166/KE kienu tal-fehma li biex tinħoloq klima ta' sikurezza ġuridika għall-atturi ekonomiċi fis-settur tal-kannamiela, iz-zokkor u r-rum u biex dawn iħallsu l-ispejjeż kollha tat-tagħmir u tal-bini meħtieġa għall-produzzjoni, kien biżżejjed jekk id-dazju mnaqqas jiġi ffissat fuq 90 000 ettolitru fis-sena għal seba' snin, bejn l-1 ta' Jannar 2003 u l-31 ta' Diċembru 2009.

Fir-realtà, il-Kunsill diġà emenda d-Deċiżjoni Nru 2002/166/KE permezz tad-**Deċiżjoni Nru 2007/659/KE**[2] tad-9 ta' Ottubru 2007; f'din l-aħħar Deċiżjoni l-limitu ta' alkoħol pur fis-sena li jgawdi mid-dazju mnaqqas ġie emendat b'applikazzjoni retroattiva għal **108 000 ettolitri** mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2012. Il-premessa 9 tad-Deċiżjoni Nru 2007/659/KE ssemmi wkoll li "huwa biss is-suq kontinentali fi Franza, fejn ir-rum mid-Dipartimenti extra-Ewropej jikkwalifika għal arranġamenti fiskali speċjali li jikkumpensaw parzjalment għal kemm jiġi jiswa r-rum, li ppermetta s-sopravivenza tal-industrija tar-rum tad-Dipartimenti extra-Ewropej".

Id-**Deċiżjoni Nru 896/2011/UE**[3] tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2011, emendat id-Deċiżjoni Nru 2007/659 billi qassret b'sentejn, sal-31 ta' Diċembru 2010, il-perjodu ta' applikazzjoni

---

1 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/166/KE tat-18 ta' Frar 2002 li tawtorizza lil Franza biex testendi l-applikazzjoni ta' rata ta' sisa mnaqqsa fuq ir-rum "tradizzjonali" li huwa prodott fid-Dipartimenti Franċiżi extra-Ewropej [traduzzjoni mhux uffiċjali], ĠU L 55, 26.02.2002, p. [33].

2 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (2007/659/KE) tad-9 ta' Ottubru 2007 li tawtorizza lil Franza tapplika rata ta' sisa mnaqqsa fuq ir-rum tradizzjonali prodott fid-Dipartimenti extra-Ewropej tagħha u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/166/KE, ĠU L 270, 13.10.2007, p. 12.

3 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 896/2011/UE tad-19 ta' Diċembru 2011 li temenda d-Deċiżjoni 2007/659/KE f'dak li jirrigwarda l-perjodu ta' applikazzjoni tagħha u l-kwota annwali li tista' tibbenefika minn rata ta' sisa mnaqqsa, ĠU L 345, 29.12.2011, p. 18.

tal-kwota annwali ta' 108 000 ettolitru ta' alkoħol pur li jista' jgawdi minn rata ta' sisa mnaqqsa, u għall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2011 u l-31 ta' Diċembru 2013 żiedet il-kwota annwali għal **120 000** ettolitri ta' alkoħol pur.

Fil-premessa 5 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 896/2011/UE tad-19 ta' Diċembru 2011, il-Kunsill wera l-fehma li l-kwota eliġibbli għal rata ta' dazju mnaqqsa tkun tqis rata ta' tkabbir ta' 3,2% fis-sena u 4,3% fis-snin meta jkun hemm tkabbir qawwi. Ma hemmx għalfejn ngħidu li din id-deċiżjoni ma timplikax obbligazzjoni legali min-naħa tal-Kunsill u tal-Kummissjoni. Sadattant, wieħed ma jistax ma jinnutax li dawn ir-rati ta' tkabbir jirriflettu l-elementi ekonomiċi l-aktar stabbli u l-aktar qrib ir-realtà ekonomika għal aktar minn 25 sena:

"...billi jaqbel li tiġi appoġġata l-kompetittività tar-rum "tradizzjonali" fis-suq kontinentali Franċiż biex titħares l-attività tas-settur tal-kannamiela, iz-zokkor u r-rum fid-dipartimenti extra-Ewropej Franċiżi, għandu jsir rieżami tal-kwantitajiet ta' rum "tradizzjonali" li joriġina mid-dipartimenti extra-Ewropej eliġibbli għal rata ta' sisa mnaqqsa meta jitqiegħed għall-konsum f'dak is-suq. Għalhekk, il-kwota annwali ta' 108 000 ettolitru prevista fid-Deċiżjoni Nru 2007/659/KE għandha tinżied għal 120 000 ettolitru, li tinkludi l-kwota għall-2011 sabiex tkun żgurata l-kontinwità, filwaqt li titqies iż-zieda prevista għal dik is-sena. Din iż-żieda għandha tippermetti li tiġi koperta żieda annwali ta' 4,3%, jiġifieri żieda ta' ftit iktar mit-3,2% osservata fis-snin 2007 sa 2010."

Id-**Deċiżjoni Nru 189/2014/UE**[4] tħassar u tissostitwixxi d-Deċiżjoni Nru 896/2011/UE u tistabbixxi kwota annwali ta' 120 000 eap għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2010 u l-31 ta' Diċembru 2020. Il-kwota stabbilita bid-Deċiżjoni Nru 189/2014/UE ma tirriflettix tajjeb ir-rati ta' tkabbir previsti fid-Deċiżjoni Nru 896/2011/UE. Barra minn hekk, l-istabbiliment ta' kwota annwali ta' 120 000 ettolitri ta' alkoħol pur (eap) għall-perjodu twil ta' 10 snin żiedet id-distakk bejn ir-rati ta' tkabbir previsti mill-Kunsill fl-2011 u l-kwoti disponibbli.

Sena	Rata ta' tkabbir prevista	Id-domanda sal-aħħar tas-sena skont it-tkabbir previst (f'ettolitri ta' alkoħol pur)	Il-kwota disponibbli (f'ettolitri ta' alkoħol pur)	Id-Deċiżjoni tal-Kunsill/tal-Unjoni Ewropea
2002	0%	90 000		2002/166
2003	3,2%	92 880	90 000	2002/166
2004	3,2%	95 852	90 000	2002/166
2005	3,2%	98 919	90 000	2002/166

[4] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 189/2014/UE tal-20 ta' Frar 2014 li tawtorizza lil Franza tapplika rata mnaqqsa ta' ċerti taxxi indiretti fuq ir-rum "tradizzjonali" prodott fil-Guadeloupe, fil-Guyana Franċiża, fil-Martinique u fir-Réunion u li tħassar id-Deċiżjoni 2007/659/KE, ĠU L [59], [28.2.2014], p. [1]

2006	3,2%	102 084	90 000	2002/166
2007	3,2%	105 351	90 000 108 000 108 000	2002/166 2007/659 2011/896
2008	3,2%	108 722	90 000 108 000 108 000	2002/166 2007/659 2011/896
2009	3,2%	112 201	90 000 108 000 108 000	2002/166 2007/659 2011/896
2010	3,2%	117 025	108 000 108 000	2007/659 2011/896
2011	4,3%	122 057	108 000 120 000	2007/659 2011/896
2012	4,3%	127 306	108 000 120 000 120 000	2007/659 2011/896 189/2014
2013	4,3%	131 379	120 000 120 000	2011/896 189/2014
2014	3,2%	135 583	120 000	189/2014
2015	3,2%	139 922	120 000	189/2014
2016	3,2%	**144 400**	120 000	189/2014
2017	3,2%	149 020	120 000	189/2014
2018	3,2%	153 789	120 000	189/2014
2019	3,2%	158 710	120 000	189/2014
2020	3,2%	163 789	120 000	189/2014

Ir-riżultat hu li l-produtturi tar-rum tradizzjonali ma kellhomx biżżejjed aċċess għas-suq Franċiż kontinentali. Ir-rati ta' tkabbir previsti kienu jippermettu kwota ta' 144 400 eap sa

tmiem l-2016 filwaqt li l-kwota kienet limitata għal 120 000 eap. Għalhekk iż-żieda retroattiva tal-kwota għal 144 000 eap għas-sena 2016 taġġusta l-kwota biex tirrifletti rati ta' tkabbir li kienu diġà previsti mill-Kunsill.

Jidher b'mod ċar li hemm ħtieġa urġenti ta' żieda: billi l-kwota ta' 120 000 eap għall-2016 kienet intużat kollha qabel tmiem l-2016, mingħajr iż-żieda retroattiva ta' din il-kwota mill-1 ta' Jannar 2016, il-ħsara li tista' ssir għall-produtturi se tkun kbira u wisq probabbli irreparabbli. L-arranġamenti bejn il-produtturi tar-rum u d-distributuri fi Franza huma rregolati permezz ta' kuntratti annwali li jipprevedu l-impenji dwar il-volumi li jintbagħtu, dwar il-prezz tal-bejgħ, u dwar skonti u promozzjonijiet li jistgħu jsiru. Meta l-kwota tintuża kollha, l-ispiża fuq il-kwantitajiet barra mill-kwota tkun ikbar, iżda fil-bidu tas-sena, meta jridu jiffirmaw il-kuntratti, il-produtturi ma jkunux f'pożizzjoni li jipprevedu li se tinqabeż il-kwota u b'kemm se tinqabeż. Meta l-prezz tal-bejgħ ikun ġie stabbilit fil-bidu tas-sena abbażi tad-dazju mnaqqas, l-ispejjeż żejda li jirriżultaw jekk tintuża l-kwota kollha qabel tmiem is-sena huwa riskju li jridu jieħdu l-produtturi tar-rum. Fl-2016 din il-possibbiltà saret realtà. Mingħajr żieda retroattiva fil-kwota l-produtturi tar-rum se jkollhom telf kbir fuq il-kwantitajiet li bihom inqabżet il-kwota.

Barra minn hekk, jekk il-kwota ma tinżiedx, il-produtturi tar-rum fir-reġjuni Franċiżi ultraperifiċi se jbatu biex ifasslu l-pjanijiet kummerċjali għall-2017: jekk id-data ta' skadenza tal-kwota għall-2017 ma tkunx magħrufa, dawn ma jkunux jistgħu joffru r-rum tagħhom waqt ix-xhur promozzjonali lejn tmiem is-sena.

L-importanza li tinżied il-kwota hija enfasizzata mill-kuntest ekonomiku: naqset l-esportazzjoni tar-rum tradizzjonali prodott fil-Guadeloupe, fil-Guyana Franċiża, fil-Martinique u fir-Réunion lejn l-Unjoni Ewropea. Bejn is-snin 2005 u 2011, l-esportazzjoni tar-rum tradizzjonali prodott f'dawn ir-reġjuni lejn l-Unjoni Ewropea kienet żdiedet minn 155 559 eap fl-2005 għal 205 482 eap fl-2011. Mill-2012, din l-esportazzjoni naqset ħafna: l-esportazzjoni ta' 189 928 eap fl-2012 ġiet segwita b'titjib żgħir fl-2013 (190 382 eap), kien hemm tnaqqis fl-2014 (179 755 eap) imbagħad żieda żgħira fl-2015 (180 482 eap).

Dan it-tnaqqis importanti huwa fil-biċċa l-kbira tiegħu minħabba tnaqqis fl-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea tar-rum tradizzjonali mir-Réunion, li huwa l-akbar produttur ta' rum tradizzjonali fost ir-reġjuni ultraperifiċi. Bejn is-snin 2005 u 2011, l-esportazzjoni tar-rum tradizzjonali prodott fir-Réunion lejn l-Unjoni Ewropea kienet żdiedet minn 60 092 eap fl-2005 għal 87 314 eap fl-2011. Mill-2012 'l hawn l-esportazzjoni naqqset ħafna, għal 69 491 eap fl-2012, segwit minn titjib żgħir fl-2013 (74 702 eap), imbagħad fl-2014 kienet 63 240 eap u fl-2015 58 890 eap.

It-tnaqqis fil-konsenji ta' rum tradizzjonali minn dawn ir-reġjuni ultraperifiċi lejn l-Ewropa kontinentali kien fil-biċċa l-kbira riżultat ta' telf żgħir fis-sehem tas-suq tar-rum abjad lejn il-Ġermanja għall-vantaġġ ta' produtturi minn pajjiżi terzi. Fl-2008 il-bejgħ lill-Ġermanja, tar-rum abjad prodott fir-reġjuni ultraperifiċi msemmijin fuq kien ta' 46 065 eap. Fl-2014 dan il-bejgħ niżel għal 22 885 eap, u fl-2015 reġa' niżel għal 17 091.

F'dan l-istadju ma jistax jiġi eskluż li d-distakk bejn il-kwoti u r-rati ta' tkabbir previsti mill-Kummissjoni u mill-Kunsill u l-kwoti li huma effettivament awtorizzati kellhom impatt fuq dawn l-iżviluppi. Din l-analiżi se ssir meta tiġi rieżaminata d-Deċiżjoni Nru 189/2014/UE.

Ta' min jinnota wkoll li l-konsum fi Franza ta' tipi ta' rum diversi li jiġu prodotti f'pajjiżi terzi, fosthom ir-rum ACP (mill-Afrika, mill-Karibew u l-gżejjer Paċifiċi) huwa ikbar mill-konsum ta' tipi ta' rum prodotti fil-Guadeloupe, fil-Guyana Franċiża, fil-Martinique u fir-Réunion. Fir-realtà, il-konsum totali fi Franza tar-rum li joriġina minn pajjiżi terzi kien

20 733 eap fl-2013, fl-2014 għola għal 22 679 eap, u fl-2015 għola għal 26 147 eap. F'dan il-perjodu, il-konsum fi Franza tar-rum tradizzjonali li jiġi prodott fir-reġjuni Franċiżi ultraperifiċifi għola b'inqas: fl-2013 kien 115 438 eap, fl-2014 għola għal 119 066 eap, u fl-2015 reġa' għola għal 120 000 eap.

Analiżi ekonomika indipendenti li twettqet mis-servizzi tal-Kummissjoni u tlestiet f'Lulju tal-2016 waslet għall-konklużjoni li l-importazzjoni fi Franza tar-rum tradizzjonali prodott fil-Guadeloupe, fil-Guyana Franċiża, fil-Martinique u fir-Réunion kienet biss parti żgħira mill-konsum totali tal-alkoħol f'dan il-pajjiż (bejn 1% u 2%), u għaldaqstant, dazju mnaqqas fuq ir-rum fi Franza ma jagħmilx distorzjoni fis-suq tar-rum ta' hemmhekk. F'dawn il-kundizzjonijiet, huwa wisq inqas probabbli li dawn l-importazzjonijiet se jaffettwaw il-funzjonament tas-suq uniku.

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha

Fit-22 ta' Settembru 2016 l-awtoritajiet Franċiżi talbu lill-Kummissjoni biex tippreżenta abbozz ta' addattazzjoni teknika tad-Deċiżjoni Nru 189/2014/UE tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2014, biex il-kwota ta' 120 000 eap fis-sena tinżied għal 144 000 eap. Ma' din it-talba ntbagħat rapport li jiġġustifika l-bidla mitluba.

• Il-konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti f'dan il-qasam ta' politika

Din l-inizjattiva tikkonforma mal-prijoritajiet stabbiliti bid-direttivi politiċi ddefiniti fl-Artikolu 349 tat-Trattat ta' Lisbona. Dan l-Artikolu jqis li l-qagħda strutturali ekonomika u soċjali tar-reġjuni ultraperifiċi li huma parti minnhom il-Guadeloupe, il-Guyana Franċiża, Martinique u Réunion hija aktar imwegħra minħabba d-distanza, l-insularita, iċ-ċokon, it-topografija u l-klima diffiċli tagħhom, u d-dipendenza ekonomika tagħhom fuq għadd żgħir ta' prodotti, fatturi li flimkien, u għaliex huma permanenti, ixekklu b'mod serju l-iżvilupp tagħhom. Għaldaqstant, l-Artikolu 349 imsemmi jipprevedi li l-Kunsill, wara proposta mill-Unjoni u wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew, jadotta miżuri speċifiċi, b'mod partikolari l-istabbiliment tal-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tat-trattati f'dawn ir-reġjuni, fost dawn il-politiki komuni. Iż-żieda fil-kwoti għandha l-għan li toħloq u tissalvagwardja l-impjiegi, u li jikbru l-ekonomija u l-investimenti fis-settur taz-zokkor, il-kannamiela u r-rum. Din iż-żieda ssaħħaħ is-suq uniku u tagħmlu iżjed aċċessibbli għall-operaturi ekonomiċi stabbiliti fir-reġjuni ultraperifiċi msemmijin billi tagħmel tajjeb għall-iżvantaġġi li għandhom minħabba l-pożizzjoni ġeografika u l-qagħda ekonomika tagħhom.

Apparti milli taġġusta l-kwota, għall-ġestjoni u għall-ġustifikazzjoni tal-kwoti fil-futur, il-Kummissjoni trid tqis l-analiżi li se tkun ippreżentat Franza sal-31 ta' Lulju 2017 fil-qafas tar-rieżami ta' nofs it-terminu stabbilit skont id-Deċiżjoni Nru 189/2014/UE tal-20 ta' Frar 2014.

• Il-konsistenza ma' politiki oħrajn tal-Unjoni

Skont l-Artikolu 349(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-Trattat ta' Lisbona), il-Kunsill jadotta l-miżuri filwaqt li jqis il-karatteristiki u l-iżvantaġġi partikolari tar-reġjuni ultraperifiċi mingħajr preġudizzju għall-integrità u l-koerenza tal-qafas legali tal-Unjoni, inkluż tas-suq intern u tal-politiki komuni. Id-Deċiżjoni Nru 189/2014/UE u l-kriterji li hi bbażata fuqhom tqiesu li huma koerenti mal-politiki l-oħrajn tal-Unjoni. Iż-żieda tal-kwota tirrappreżenta addattament retroattiv u limitat li jaġġorna l-kwota mar-rata ta' tkabbir annwali diġà previsti mill-Kunsill. Il-kriterji l-oħrajn tad-Deċiżjoni Nru 189/2014/UE ma nbidlux. F'dawn il-kundizzjonijiet, iż-żieda tal-kwota annwali minn 120 000 eap għal 144 000

eap mhux se jkollha impatt fuq il-koerenza tad-Deċiżjoni Nru 189/2014/UE ma' politiki oħrajn tal-Unjoni.

2. IL-BAŻI ĠURIDIKA, IS-SUSSIDJARJETÀ U L-PROPORZJONALITÀ

- **Il-Bażi Ġuridika**

L-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

- **Is-sussidjarjetà (għal kompetenza mhux esklużiva)**

Il-Kunsill biss għandu s-setgħa li jadotta, abbażi tal-Artikolu 349 tat-TFUE, miżuri speċifiċi favur ir-reġjunijiet ultraperiferiċi għall-addattament tal-applikazzjoni tat-Trattati għal dawn ir-reġjuni, inkluża l-politika komuni, minħabba l-iżvantaġġi permanenti li jħallu impatt fuq il-kundizzjonijiet ekonomiċi u soċjali tagħhom.

Għalhekk il-proposta ta' deċiżjoni tal-Kunsill tikkonforma mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

- **Il-proporzjonalità**

Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, il-kontenut u l-forma tal-azzjoni tal-Unjoni ma għandhomx jagħmlu iżjed minn dak li jkun meħtieġ sabiex jintlaħqu l-għanijiet tat-Trattati. Il-kwota ta' 144 000 ettolitri tikkorrispondi mar-rata ta' tkabbir prevista u mal-kwantità li tirriżulta mill-applikazzjoni ta' din ir-rata ta' tkabbir għat-tmiem tal-2016. Fil-qafas ġuridiku tad-Deċiżjoni Nru 189/2014/UE, l-uniku mod biex tinżied il-kwota mill-1 ta' Jannar 2016 biex tiġi aġġornata mar-rata tat-tkabbir ta' 3,2% huwa billi tiġi emendata d-Deċiżjoni eżistenti b'effett retroattiv. Għalhekk, la l-kontenut u lanqas il-forma tal-azzjoni ma jagħmlu aktar milli hu meħtieġ biex jinkisbu l-għanijiet tal-Artikolu 349 tat-TFUE.

- **L-għażla tal-istrument**

Ara taħt il-proporzjonalità.

3. IR-RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATTI

- **L-evalwazzjonijiet *ex post* / il-kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

1. Mill-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 349 tat-TFUE kif ġie interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawżi konġunti C-132/14 sa C-136/14, jirriżulta li "l-miżuri speċifiċi" msemmijin ġew adottati "billi tqieset il-qagħda strutturali ekonomika u soċjali" tar-reġjuni ultraperfiċi, li minħabba għadd ta' fatturi hija aggravata "mill-permanenza u l-kumbinazzjoni tagħhom, li flimkien ixekklu b'mod serju l-iżvilupp tagħhom" Għalhekk dawn il-fatturi huma ppreżentati fl-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 349 tat-TFUE bħala elementi li jaggravaw il-qagħda strutturali ekonomika u soċjali tar-reġjuni ultraperifiċi u li l-Kunsill jeħtieġlu jqis, skont it-tielet sottoparagrafu tal-Artikolu 349 tat-TFUE, meta jadotta l-miżuri speċifiċi (SENTENZA TAL-QORTI (awla manja) tal-15 ta' Diċembru 2015 fil-kawżi konġunti C-132/14 sa C-136/14, il-paragrafi 67 u 68). Kif deskritt hawn taħt mill-Qorti, u għar-raġunijiet li huma spjegati hawn fuq, il-Kummissjoni hija tal-fehma li żieda retroattiva urġenti tal-kwota minn 120 000 eap għal 144 000 eap li tgawdi minn rata ta' sisa mnaqqsa hija l-unika miżura xierqa:

- il-produtturi tar-rum tradizzjonali ma kellhomx biżżejjed aċċess għas-suq Franċiż kontinentali. Ir-rati tat-tkabbir previsti jikkorrispondu ma' kwota ta' 144 400 eap fi tmiem l-2016. Għalhekk iż-żieda retroattiva tal-kwota għal 144 000 eap għas-sena 2016 mhi xejn ħlief aġġustament tal-kwota għal livell li kien diġà previst mill-Kummissjoni u mill-Kunsill;

- il-qafas ekonomiku huwa diġà speċifikat u ddeterminat mill-Kummissjoni u mill-Kunsill;

tinħtieġ żieda retroattiva malajr biex tiġi evitata ħsara immedjata lill-produtturi, li x'aktarx tkun irreparabbli;

- iċ-ċifri tal-Eurostat juru tnaqqis ċar fl-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea tar-rum tradizzjonali prodott f'dawn ir-reġjuni ultraperifiċi;

- iċ-ċifri juru telf tas-sehem fis-suq għal dan ir-rum tradizzjonali f'pajjiżi oħra li huma membri tal-Unjoni, li qed isir għall-vantaġġ ta' produtturi f'pajjiżi terzi;

- l-importazzjoni għall-konsum tar-rum fi Franza minn pajjiżi terzi oħrajn żdiedet ħafna iżjed;

- il-kriterji l-oħrajn tad-Deċiżjoni Nru 189/2014/UE ma nbidlux.

2. Din hija miżura ta' aġġustament b'implikazzjonijiet ekonomiċi limitati li fil-preżent ma tiġġustifikax li tiġġarrab l-ispiża ta' "evalwazzjoni tal-impatti". F'dan il-każ, iż-żieda tal-kwota b'effett retroattiv mill-1 ta' Jannar 2016 hija l-unika għażla li tiżgura li "r-rum tradizzjonali" minn dawn ir-reġjuni ultraperifiċi jibqa' kompetittiv fis-suq tal-Unjoni.

Barra minn hekk, studju ekonomiku indipendenti li twettaq mis-servizzi tal-Kummissjoni u tlesta f'Lulju tal-2016[5] bil-għan li jevalwa jekk id-Direttiva 92/83/KEE għadiex idonea wasal għall-konklużjoni li l-importazzjoni fi Franza tar-rum tradizzjonali prodott fil-Guadeloupe, fil-Guyana Franċiża, fil-Martinique u fir-Réunion kienet biss parti żgħira mill-konsum totali tal-alkoħol fi Franza, u għaldaqstant, dazju mnaqqas fuq ir-rum fi Franza ma jagħmilx distorzjoni fis-suq tar-rum ta' hemmhekk. F'dawn il-kundizzjonijiet, huwa wisq inqas probabbli li dawn l-importazzjonijiet se jaffettwaw il-funzjonament tas-suq uniku.

Dawn il-konklużjonijiet ġew ippubblikati u l-partijiet ikkonċernati kollha ġew ikkonsultati. Minkejja li dan l-istudju ma ffokax b'mod partikolari fuq iż-żieda tal-kwota tar-rum tradizzjonali li joriġina mill-Guadeloupe, mill-Guyana Franċiża, mill-Martinique u mir-Réunion li tista' tgawdi minn dazju mnaqqas fi Franza kontinentali, il-Kummissjoni hija tal-fehma li ebda waħda minn fost l-għadd ta' kontribuzzjonijiet għal din il-konsultazzjoni, li qabżu s-750 u ġew ivverifikati ma ppreżentaw argumenti jew xi informazzjoni oħra li jiġġustifikaw li jsiru aktar analiżijiet[6].

---

[5] Il-paġna 28 tar-rapport u l-paġni 17 sa 20 tal-Anness 7 https://circabc.europa.eu/sd/a/3e197d56-02d3-4efd-b056-5b7d53b8e196/Evaluation%20of%20Council%20Directive%2092-83-EEC%20on%20the%20harmonisation%20of%20the%20structures%20of%20excise%20duties%20on%20alcohol%20and%20alcoholic%20beverages.pdf

[6] https://circabc.europa.eu/sd/a/c1011602-0d01-4d97-9ce1-56a23fa57929/Appendix%209a%20-%20Open%20public%20consultation%20summary%20report.pdf

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Ara l-paragrafu ta' hawn taħt.

Apparti milli taġġusta l-kwota, minnufih, il-Kummissjoni trid tqis l-analiżi li trid tippreżenta Franza sal-31 ta' Lulju 2017 fil-qafas tar-rieżami ta' nofs it-terminu stabbilit skont id-Deċiżjoni Nru 189/2014/UE tal-20 ta' Frar 2014. Fil-qafas ta' dan ir-rieżami, għal darba oħra se jiġu kkonsultati l-partijiet ikkonċernati kollha.

- **Ġbir u użu tal-kompetenzi**

Ara hawn taħt "l-evalwazzjonijiet *ex post* / il-kontroll tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti"

- **L-idoneità regolatorja u s-simplifikazzjoni**

Ma japplikax.

- **Id-drittijiet fundamentali**

Ma japplikax.

4. IMPLIKAZZJONIJIET GĦALL-BAĠIT

Ma hemm l-ebda implikazzjoni baġitarja.

2017/0127 (CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 189/2014/UE li tawtorizza lil Franza tapplika rata mnaqqsa ta' ċerti taxxi indiretti fuq ir-rum "tradizzjonali" prodott fil-Guadeloupe, fil-Guyana Franċiża, fil-Martinique u fir-Réunion u li tħassar id-Deċiżjoni 2007/659/KE

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 349 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li ntbagħat l-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[7],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[8],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[9],

Filwaqt li jaġixxi skont proċedura leġiżlattiva speċjali,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 189/2014/UE[10], Franza kienet awtorizzata li, fi Franza kontinentali, testendi l-applikazzjoni ta' dazju tas-sisa inqas mit-taxxa sħiħa stabbilita fuq l-alkoħol mill-Artikolu 3 tad-Direttiva 92/84/KEE tal-Kunsill[11] u tapplika taxxa msemmija "imposta fuq ix-xorb alkoħoliku" (jew "VSS") li hija inqas mit-taxxa sħiħa applikabbli skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali Franċiża fuq ir-rum "tradizzjonali" prodott fil-Guadeloupe, fil-Guyana Franċiża, fil-Martinique u fir-Réunion.

(2) Skont l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni msemmija, rati ta' sisa u ta' VSS imnaqqsin imposti fuq dan ir-rum "tradizzjonali" huma limitati għal kwota annwali ta' 120 000 ettolitri ta' alkoħol pur ("eap").

(3) Fit-22 ta' Settembru 2016 l-awtoritajiet Franċiżi talbu lill-Kummissjoni biex tippreżenta abbozz ta' addattazzjoni teknika biex il-kwota ta' 120 000 eap fis-sena tinżied għal 144 000 eap. Ma' din it-talba ntbagħat rapport li kien fiħ ġabra tal-informazzjoni li tiġġustifika l-bidla mitluba. Fl-2016 il-produtturi tar-rum tradizzjonali ma kellhomx biżżejjed aċċess għas-suq Franċiż kontinentali. Ir-rati tat-tkabbir previsti

---

7

8

9 ĠU C tal-, p. .

10 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 189/2014/UE tal-20 ta' Frar 2014 li tawtorizza lil Franza tapplika rata mnaqqsa ta' ċerti taxxi indiretti fuq ir-rum "tradizzjonali" prodott fil-Gwadelup, fil-Gujana Franċiża, fil-Martinique u fir-Réunion u li tħassar id-Deċiżjoni 2007/659/KE (ĠU L 59, 28.02.2014, p. 1).

11 Id-Direttiva tal-Kunsill 92/84/KEE tad-19 ta'Ottubru 1992 dwar l-approssimazzjoni tar-rati tat-taxxa tas-sisa fuq l-alkoħol u x-xorb alkoħoliku (ĠU L 316, 31.10.1992, p. 29).

kienu jeħtieġu li jkun hemm kwota ta' 144 400 eap, u dan il-volum intlaħaq sa tmiem l-2016. Għalhekk jeħtieġ li l-kwota annwali ta' 120 000 eap tinżied għal 144 000 eap. Il-miżuri awtorizzati skont id-Deċiżjoni Nru 189/2014/UE tal-Kunsill se jiġu analizzati u se jsir rieżami f'aktar dettall tas-sistema kollha kemm hi. Din l-analiżi se tqis ir-rapport previst fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Nru 189/2014/UE mibgħut minn Franza.

(4) Billi l-kwota ta' 120 000 eap għall-2016 kienet intużat kollha qabel tmiem l-2016, mingħajr iż-żieda retroattiva ta' din il-kwota mill-1 ta' Jannar 2016, il-ħsara li tista' ssir għall-produtturi se tkun kbira u wisq probabbli tkun irreparabbli. L-arranġamenti bejn il-produtturi tar-rum u d-distributuri fi Franza huma rregolati permezz ta' kuntratti annwali li jipprevedu l-impenji dwar il-volumi li jintbagħtu, dwar il-prezz tal-bejgħ, u dwar skonti u promozzjonijiet li jistgħu jsiru. Billi l-kwota ntużat kollha, l-ispiża fuq il-kwantitajiet barra mill-kwota, li kienu imprevedibbli, kienet ikbar, iżda l-kuntratti kienu diġà laħqu ġew iffirmati, fi żmien meta l-produtturi ma kinux f'pożizzjoni li jipprevedu li se tinqabeż il-kwota u b'kemm se tinqabeż. Mingħajr żieda retroattiva fil-kwota l-produtturi tar-rum se jkollhom telf kbir fuq il-kwantitajiet li bihom inqabżet il-kwota. Għaldaqstant jeħtieġ li tiġi awtorizzata żieda retroattiva fil-kwota, mill-1 ta' Jannar 2016.

(5) Il-kriterji l-oħrajn tad-Deċiżjoni Nru 189/2014/UE ma nbidlux, u analiżi ekonomika indipendenti organizzata mis-servizzi tal-Kummissjoni u ffinalizzata f'Lulju tal-2016 ikkonfermat li l-importazzjoni fi Franza tar-rum tradizzjonali prodott fil-Guadeloupe, fil-Guyana Franċiża, fil-Martinique u fir-Réunion hija biss proporzjon żgħir tal-konsum totali tal-alkoħol fi Franza. Għalhekk, jekk ikun hemm taxxa mnaqqsa mhux se tikkawża distorzjoni fil-kompetittività tas-suq tar-rum fi Franza, iżjed u iżjed f'dik tas-suq uniku.

(6) Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li jiġu applikati l-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE.

(7) Għaldaqsant, id-Deċiżjoni Nru 189/2014/UE għandha tiġi emendata skont dan.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni Nru 189/2014/UE, il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. Ir-rati ta' sisa u ta' VSS imnaqqsin skont l-Artikolu 1 u li japplikaw għar-rum skont l-Artikolu 2 huma limitati għal kwota annwali ta' 120 000 ettolitri ta' alkoħol pur għall-perjodu sal-31 ta' Diċembru 2015. Għall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2016 u l-31 ta' Diċembru 2020, għandhom ikunu limitati għal kwota annwali ta' 144 000 ettolitri ta' alkoħol pur."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President